# Ix-Chateau Lonz

**Kitba ta' Alfred Mizzi**

Ma stajtx bħala Vendriż ma naqrax il-kotba ta' tifkira li nkitbu s-sena l-oħra fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Venera, kif ukoll fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera. Fost dawn il-kotba kien hemm dak li nkiteb proprju bħala ktieb ta' tifkira għall-ftuħ uffiċjali tal-knisja parrokjali l-ġdida.

Fost il-ħafna kitbiet li fih, ilkoll interessanti, hemm il-kitba ta' Chris Falzon, is-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni. Din il-kitba, barra li hi mirquma tajjeb, hija wkoll riċerkata tajjeb. Fiha, Chris isemmi l-mixja twila li waslet għal ftuħ uffiċjali tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera.

Fil-mixja tiegħu, Chris tkellem fuq l-użu ta' dak li kien, u għadu jissejjaħ ix-*Chateau Lonz*. U hawn, li jien nixtieq ngħid xi ħaġa fuq ix-*Chateau Lonz*. X'kien dan ix-*Chateau Lonz*? Għal xiex kien iservi? Chris tana stampa ċara ta' kif din il-binja kienet waqgħet f'idejn il-Patrijiet Karmelitani u għalhekk miniex sejjer noqgħod nidħol f'dan.

Jiena nixtieq li ngħid xi ħaġa li Chris ma jiftakarx, għalkemm nemmen li xi darba jew oħra qara xi ħaġa. Għal min forsi ma jafx, ix-*Chateau Lonz* hu l-isem ta' dik il-binja li hemm fi Triq ir-Rjali San Ġużepp, ftit 'l isfel minn fejn kienet il-fabbrika tas-*7-UP*, u li llum qiegħda sservi kemm bħala Ċentru għaż-żgħażagħ kif ukoll post ta' fejn jintrefa' l-armar tal-festa u anke jsiru xi xogħlijiet. Fl-imgħoddi, maċ-ċinta ta' fuq il-bejt, kien hemm miżbugħa bl-iswed il-kelmiet *Chateau Lonz*, li tifisser id-dar ta' Lonz. Din il-kitba, maż-żmien intilfet.



Min hu ta' l-età tiegħi, u anke iżgħar, jiftakar li x-*Chatgeau Lonz*, fi żminijiet sittin

u sebgħin kien iservi kważi għal kollox. Kważi kull attività li kienet issir ġo Santa Venera, kemm jekk reliġjuża, kif ukoll profana, kienet x'aktarx issir ix-*Chateau Lonz*, fil-kappella, fis-sala jew fl-*open air*, skond il-każ xi jkun. Kien l-uniku post li kien hemm fil-lokal li kien iservi għall-bżonnijiet kważi kollha tal-parroċċa u anke kienu jużawh nies minn barra l-parroċċa.

## Mount Carmel College

Forsi l-ewwel użu li kellu ix-*Chateau Lonz* kien dak edukattiv. F'din il-binja, kienet ġiet allokata skola tal-Patrijiet Karmelitani bl-isem ta' *Mount Carmel College*. Illum dan il-kulleġġ qiegħed fi pjazza Santa Venera, bl-isem ta' *St. Elias College*. Dan il-kulleġġ, li fil-bidu tiegħu kien jieħu ħsieb dawk l-istudenti li kellhom ħajra għall-ħajja reliġjuża Karmelitana, kien ġie trasferit mill-Belt Valletta fl-1952 u dam ġox-*Chateau Lonz* għall-tmintax-il sena sħaħ, sa l-1970.

S'intendi, *Mount Carmel College* ta' dawk iż-żminijet ma kellu xejn x'jaqsam mall-kulleġġ tal-lum. Jiena li kont student hemm, niftakar li l-biċċa l-kbira tat-*teachers* kienu Patrijiet Karmelitani. Ħafna minnhom illum mietu, iżda hemm oħrajn li għadhom mimlijin bl-għomor, fosthom Patri Karm Ferrante, Patri Renato Valente li kien ukoll l-ewwel rettur tal-kulleġġ il-ġdid, u Patri Amadeo Zammit li għadu jservi Santa Venera. Niftakar li klassijiet mil-*Prima* sat-*Terza*, kienu isfel, madwar il-bitħa, fejn illum isir xogħol għall-festa.

Il-*Quarta*, jiġifieri l-*Form 4*, kienet fil-kamra l-kbira li għandha twieqi għal barra u li llum tintuża biex jinżammu l-bandalori tal-festa. Il-*Form 5* (jew il-*Quinta*) kienet f'kamra żgħira fuqnett li kienet tiġi użata wkoll bħala kappella żgħira u li kienet tagħti għal fuq il-kappella l-kbira. Dak iż-żmien, għall-inqas fi żmieni, ma kienx hemm aktar minn klassi waħda għal kull *form*, għalkemm jekk niftakar sew, għall-*Form 2* kien hemm żewġ klassijiet.

Ma nkun nikxef ebda sigriet jekk ngħid li l-binja tax-*Chateau Lonz* ma tantx kienet addatata biex tilqa' l-istudenti fiha. Anzi nista' ngħid li komparata ma' tal-lum kienet tal-biki. Ma kellniex laboratorji jew *gym* u lanqas *ground* tal-*football* jew librerija. L-uffiċċju tar-rettur kien maqtugħ bil-*plywood* fil-ġemb ta' l-intrata, fen illum hemm il-kamra tal-kumitat tal-festa, filwaqt li t-*toilets* kienu *partitions* taż-żingu. Dawn kienu f'dik il-parti li mill-intrata kienet tagħti għall-*open air*. Ir-*recreation* konna noħduha fil-bitħa li għadha hemm sal-lum.

Iżda għalkemm il-binja ma kinitx daqstant addattata, it-*teachers*, li kif diġà

għidt kienu l-biċċa l-kbira Patrijiet Karmelitani kienu ddedikati għat-tagħlim u għall-formazzjoni taż-żgħażagħ. Ħafna studenti ta' dawk iż-żminijiet illum jokkupaw pożizzjonijiet tajbin fil-ħajja soċjali u anke reliġjuża.

## Il-Carmelite Hall

Użu ieħor li kellu x-*Chateau Lonz*, kien dak rikreattiv. Fis-sala l-kbira, dik li hemm biswit il-bitħa u llum hi maqsuma f'żewġ partijiet, fejn kienu jintwerew il-*films* kienet il-*Carmelite Hall*. Fuq il-bieb ta' barra (tax-*Chateau Lonz*) kien jiddendel il-kartellun tal-*film* li kien ikun sejjer jintwera fil-*weekend*. Kien ikun hemm żewg rappreżentazzjonijiet kull nhar ta' Ħadd. Waħda fil-ħamsa, u *ta' l-aħħar*, fis-sebgħa. Min hu ta' l-età tiegħi jiftakar lil makkinista, Patri Marjan, persuna kemxejn qasira, fartas u ta' ftit kliem. Kien jifaċċa biss fl-*intermission*. Il-bqija tal-*film* kien ikun wara l-magna, iħares minn ġot-tieqa ż-żgħira, b'seba' mitt għajn li ma tinqatagħlux il-pellikola u jaqla' salt tisfir mis-sala.

Illum parti minn din is-sala hi msemmija għalih. Bħala *usherer*, kien ikun hemm Patri Sant, għal ħafna nies, Ġustin. Dan wara kien sar provinċjal tal-Karmelitani. Kienet persuna li tiddomina s-sala tat-*talkies*. Dejjem idur fis-sala waqt il-*film* bit-*torch* f'idu, juri l-post lil min jidħol tard għall-*film*, isikket lil min b'xi mod ifettilu jiċċaqlaq jew iħaxwex xi borża tal-*crisps*, u ma jistax jonqos li ma jiġbidx l-attenzjoni lil xi żewg namrati li jfettlilhom jaqbu idejn xulxin!!!

Il-*films* li konna naraw m'hemmx għalfejn ngħidu, kienu jkunu ċ-ċensurati għal darba, tnejn u tlieta. *Films* tal-*cowboys* ma kinux jonqsu u wieħed ma jistax jinsa l-*films* ta' Zorro u Cheyene. U min ma jiftakarx il-*film Marcellino Pane e Vino*.

Minbarra li kienu jintwerew il-*films*, f'din is-sala kienu jsiru wkoll rappreżentazzjonijiet teatrali. Dak iż-żmien ġo Santa Venera kien hemm kumpanija tat-tejatrin li kien jisimha, il-*VDC*, li kienet tfisser *Venera Dramatic Company*. Kienet kumpanija ta' dilettanti Vendriżi. Ma nistax ma niftakarx fi Frans Saliba, li għadu mimli bl-għomor, u l-mibkija Joe Cuschieri u Carmen Mizzi.

Dawn, minbarra li kienu jferrħu lin-nies, kienu jagħmlu dan b'għan speċjali, dak li jiġbru xi ħaġa tal-flus, għall-knisja l-ġdida jew għal xi bżonn ieħor. Dawn kien jagħtu kemm rappreżentazzjonijiet ta' drammi kif ukoll kummidji, u nista' ngħid li kienu poplari u mistennija minn kulħadd.

## Il-Lega

Iżda forsi l-aktar li jibqa' jissema ix-*Chateau Lonz* f'dawk iż-żminijiet kien bħala post fejn fih kien jilqa' l-fergħat ta' l-Azzjoni Kattolika tal-ġuvintur u xebbiet. S'intendi jiena l-aktar li niftakar kienet is-sezzjoni taż-żgħażagħ subien. Ħaġa stramba hi, li aħna ż-żgħażagħ konna nsibu dan il-post bħala l-'lega' u mhux bħala Azzjoni Kattolika bħal lokalitajiet oħra ta' Malta. Dana jista jkun, li peress li Sta Venera qiegħda qrib il-Ħamrun, hemmhekk l-Azzjoni Kattolika kienu, u għadhom sal-lum isibuha bħala l-lega. Allura aħna konna ngħidulha l-lega.

L-istess kmamar li filgħodu kienu jintużaw bħala klassijiet għall-istudenti tal-Kulleġġ *Mount Carmel*, filgħaxija kienu jintużaw għal-lezzjonijiet tal-Benjamini, u l-Aspiranti. Hekk kienu jissejħu (u naħseb li għadhom): Benjamini kienu ż-żgħar u Asperanti kienu l-kbar, dawk ż-żgħażagħ li kienu għamlu l-Griżma ta' l-Isqof. L-istess uffiċċju bil-*partition* tal-*plywood* li filgħodu kien jintuża mir-rettur tal-*Mount Carmel College*, kien jintuża filgħaxija mill-Assistent Ekkleżjastiku tal-Lega – Patri Sant, jew inkella mill-Assistent tiegħu, Frans Saliba.

Dan ta' l-aħħar għadu mimli bl-għomor u dan l-aħħar mort sad-dar tiegħu biex naqsam xi ħsibijiet miegħu ta' meta kien ic-*Chateau Lonz*, jew il-Lega.

Sibt lil Frans jistennini. Illum Frans għandu 78 sena, u nista' ngħid li ma tilef xejn mill-aġilità u l-kariżma li kellu meta kien il-Lega. Jalla l-Bambin ikompli jagħtih is-saħħa. Frans irrakontali ta' kif kienet bdiet l-istorja tal-Lega. Fl- 1945 kien sabu ċertu Patri Mikiel Camilleri, li kien iservi Santa Venera u kien talbu biex jiffurmaw ċentru fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Dak iż-żmien Frans kien għad kellu sbatax-il sena. Frans spjega li meta dak iż-żmien kien qallu iva, qatt ma kien jobsor li sejjer iqatta' tmintax-il sena jaħdem bla waqfien għall-formazzjoni taż-żgħażagħ. Fil-bidu, Patri Mikiel u Frans, kienu bdew jużaw post, li hemm quddiem il-kanċell tal-ġnien Romeo Romano. Dan il-post kien jintuża wkoll bħala skola. Sintendi d-diriġenti ta' l-iskola ma kinux jieħdu pjaċir bil-preżenza ta' dawn iż-żgħażagħ filgħaxija. Fil-fatt din il-lega damet hemm sa l-1947 meta mbagħad kienu marru x-*Chateau Lonz*. Wara Patri Mikiel, li allura flimkien ma' Frans, jistgħu jissejħu l-fundaturi ta' l-Azzjoni Kattolika tal-ġuvintur ta' Santa Venera, kien laħaq Patri Ġustin Sant, u bħala president, kien ċertu Vincent Farrugia, li kien joqgħod ftit 'il fuq mill-fabbrika tas-*7-UP*. Frans Saliba kien baqa' l-Lega sas-sena 1964. Sintendi kien hemm oħrajn li ħadmu

bla heda f'dan il-qasam, bħal Freddie Cachia.

Mela kif diġà għidna, din il-binja, filgħodu kienet tintuża bħala skola, u filgħaxija bħala kenn għaż-żgħażagħ. Dan kien iffisser li kif filgħodu r-rettur ta' l-iskola kien ikollu jiġbor kollox u jsakkar, l-istess kien jagħmel l-Assistent Ekkleżjasitku filgħaxija. Il-kamra tal-*billiard* kienet taħt l-art, b'żewġ spralli li jagħtu għal Strada Rjali, fejn illum hemm l-antarjoli tal-festa. Għadni niftakar il-kompetizzjonijiet akkaniti li kien ikollna tal-*billiards* u *snooker*. Sintendi f'dan il-post konna nagħmlu wkoll l-*parties* tal-Milied. X'aktarx kienu jsiru fis-sala li kienet tiġi biswit it-*talkies*, barra li konna nżejnu l-intrata ta' barra.

Minbarra s-sezzjoni tas-subien, f'din il-binja kien hemm ukoll is-sezzjoni tat-tfajliet, iżda dawn ma tantx kellhom spazju forsi għaliex ma tantx kienu numru kbir.

## Il-Kappella tax-*Chateau Lonz*

Nistgħu ngħidu li din il-kappella kienet taqdi l-ħtiġiet tal-Vendriżi tan-naħa ta' Strada Rjali. Jiena niftakar li bħala student ta' *Mount Carmel College*, konna nibdew il-ġurnata billi nisimgħu l-quddies hemm. Ta' min wieħed isemmi li f'din l-istess kappella kienu jsiru funzjonijiet normali, anke tiġijiet, iżda l-magħmudijiet kienu jsiru fil-knisja parrokkjali l-qadima, illum l-knisja Matriċi. Niftakar li f'din il-kappella, fis-sena 1960, li allura kienet is-sena ċentinarja tal-miġja ta' San Pawl f'Malta, kienet saret dik li konna nsejħula l-*Gara Katekistika*. Din kienet tkun bħal speċi ta' *quiz* bejn is-sezzjonijiet ta' l-Azzjoni Kattolika ta' diversi bliet u rħula f'Malta. Ir-rebbieħ ta' kull lokalità kien imbgħad jikkompetu flimkien l-Istitut Kattoliku. Din il-kappella kienet tintuża wkoll miż-żgħażagħ tal-lega għal kull xorta ta' funzjonijiet reliġjużi. Din il-kappella kellha problema kbira. Din kienet li kienet tiġi eżatt ħdejn il-bitħa. Fil-fatt il-kappella kellha żewġ bibien fil-ġenb, wieħed jagħti għall-isqaq ta' Ġomu, u l-ieħor għal din il-bitħa. Aktar iva milli le, in-nies li kienu jkunu l-knisja, kienu joħorġu jsikktu lit-tfal tal-lega, jew ta' l-iskola biex jieqfu jagħmlu l-istorbju, għax tkun għaddejja xi funzjoni.

## L-*Open Air*

Ma nistgħux nitkellmu fuq ix-*Chateau Lonz* u ma semmux l-*open air*. Kienet għalqa kbira fuq wara tal-binja li tiġi biswit bitħa oħra li dak iż-żmien kienet tintuża bħala fabbrika tas-*7-UP*. L-art ta' din l-għalqa kienet saret bil-

konkos miż-żgħażagħ li kienu jaħdmu bil-lejl u bin-nhar biex ilestuha. Kien inbena wkoll *palk* kbir tal-ġebel u b'hekk ħadet dehra ta' *open air theatre*. Minn hekk kien ġie l-isem ta' l-*open air*. Ġo din il-bitħa kienu jsiru fieri kbar, kollha b'riżq il-knisja l-ġdida. Kienu jsiru wkoll rappreżentazzjonijiet teatrili fuq dan il-*palk*. Sintendi dawk kienu jsiru fis-sajf. Okkażjoni li ma nistax ninsa, kienet meta kienet saret *pageant* fuq il-ħajja ta' Santa Venera V.M.

Din jekk niftakar sew, kienet ġiet imtellgħa mill-*Venera Dramatic Company*. Niftakar li kont ħadt sehem fiha. M'hemmx għalfejn ngħid li f'dan il-post kollu kien isir il-logħob tal-ballun, il-logħba tal-ħarba u mitt ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-ġiri.

Ma kienx il-ħsieb tiegħi li nagħmel xi riċerka min xiex għadda ix-*Chateau Lonz*. Niżżilt biss dawk il-ħsibijiet li ġewni f'moħħi . Ħafna minnhom għexthom jiena. Żgur li hemm ħafna affarijiet oħra li jiena nsejt. Żgur ukoll li hemm nies oħra, akbar jew iżgħar minni li jiftakru ħafna affarijiet oħra li seħħew madwar ix-*Chateau Lonz*. Minn hawn jien nistieden lil min għandu xi tagħrif ieħor fuq dawn iż-żminijiet biex jaqsamhom ma' ħaddieħor. Hu x'inhu, ix-*Chateau Lonz* għal aktar min sittin sena, serva lill-poplu Vendriż għal bosta attivitajiet kemm reliġjużi, edukattivi u kulturali. Bil-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' Santa Venera, ftit 'il bogħod minnu, dan iċ-ċentru għandu jieħu dimensjoni oħra.

Dan l-aħħar jiena, għamilt diversi mawriet f'dan il-post. L-attività ma tieqaf qatt. Jiena nawgura lil ħafna żgħażagħ li jiffrekwentaw lil dan iċ-ċentru, min għar-raġuni u min għal oħra, jgħożżuh u jibżgħu għal dan il-post kif għamlu ta' qabilhom. Kelma ta' l-aħħar. Min jaf kieku tibda ssir *open day* ftit ġranet qabel il-festa biex kulħadd ikun jista' japprezza xi jsir fix-*Chateau Lonz*.


**T. TABONE**

BEDDING PRODUCTS, PRAMS AND TOYS

716, St. Joseph Street, Hamrun

*(opposite Broad Street)*

*Telephone:* **2123 8595**